# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 931/2015/VG**

**Dr Mark XUEREB**

**vs**

**Demis TONNA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-30 ta' Dicembru, 2015** u li permezz taghha talab lill-intimat ihallsu s-somma ta' erba' mija u wiehed u disghin euro [€491] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija wiehed u disghin ewro (€491) rapprezentanti din is-somma drittijiet professjonali dovuti lir-rikorrenti ghal servizzi rezi lill-intimat.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet premessi datata 6 t' Awwssu 2015".

**Ra r-risposta tal-intimat minnu pprezentata fil-15 ta' Marzu, 2016** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi l-attur mhux dovut hlasijiet minghand il-konvenut.

Bl-ispejjez legali kollha".

Ra l-verbal datat 16 ta' Marzu, 2016 fejn id-difensur ta' l-intimat b'referenza ghar-risposta minnha ntavolata ghan-nom ta' l-intimat irrilevat li r-rikorrenti ma kien gie nkarigat jaghmel xejn ghan-nom tal-intimat.

Ra l-verbal tal-11 ta' Lulju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €491 minghand l-intimat rapprezentanti drittijiet professjonali rezi minnu lill-istess intimat. L-intimat laqa' ghal din it-talba billi qal li ma hemm l-ebda hlasijiet dovuti lill-intimat stante li huwa ma kien gie nkarigat jaghmel xejn ghan-nom tieghu.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti qal li xogholu huwa ta' psikjatra. Qal ukoll li huwa nvolut fix-xena sportiva u dana bhala tabib t'emergenza u *sports family medicine*. Zied ighid li mill-2007 lil hawn huwa kien involut fil-*boxing* u li kien jghin lil The Malta Boxing Commission fejn l-intimat kien wiehed mill-membri. Qal li l-membri ta' din il-*Commission* kienet tavvicinah xi erbgha jew hames darbiet fis-sena biex jghidulu li kien ser jinzamm *event* u imbaghad huwa kien jiehu hsieb l-affarijiet fosthom il-*health and safety* ta' dawn l-*events*. Kien jaghmel l-"*l-assessments, testijiet u l-activity during the event*" (fol. 12). Dawn l-affarijiet kien jaghmilhom kemm mill-att ta' medicina u kemm mill-lat ta' psikjatrija. Qal li bejn il-partijiet kien jezisti minn dejjem *a gentleman's agreement*. Kompla jghid li r-rata li kien jithallas kienet wahda fissa u tkopri "*l-fees tieghi u tat-team tieghi*" (fol. 12).

   Qal li l-intimat kien infurmah, madwar erba' xhur qabel, li kien ser isir *event* gewwa t-Trade Fair Grounds f' Awwissu, 2014 u ghalhekk kellhu jiehu hsiebu. L-ammont miftiehem kien ta' €491 li huwa l-ammont reklamat minnu f' dawn il-proceduri. Qal li madwar erbat' ijiem qabel, huwa kien kellem lill-intimat u xi nies ohra tal-Commission sabiex jivverifika jekk is-sitwazzjoni kinitx inbidlet minn dak li kienu qalulu u f'dak il-waqt huwa gie nfurmat li kien hemm problema ta' flus. Stqarr li "*fl-ebda mument sakemm sar l-event ma kien hemm xi hadd li lili qalli li jiena ma kellix ghalfejn nattendi*" (fol. 13). Effettivament huwa mar ghal dan l-*event* u ghamel ix-xoghol tieghu tas-soltu. Qal li "*jiena assessjajt il-boxers kemm psikologikament u kemm fizikament, qassamt it-team tieghi u bdejt ix-xoghol*" (fol. 13). Qal li dak-in-nhar huwa kkonstata li kien hemm persuna li kellhu *retinal detachment* u peress li din kienet kwistjoni serja, huwa ta' parir lil *boxer* sabiex ma jiggilidx u "*u anke sahansitra kellimt lil ufficjali ta' din il-Kummissjoni nkluz lill-intimat*" (fol. 13).

   Dak-in-nhar, kompla r-rikorrenti, l-intimat ma kellmux anzi injorah. Qal li l-intimat lilu dak-in-nhar ta' l-*event* ma qallux "*isma inti you are not welcome here jew x'qed taghmel hawn il-ghaliex dan mhux xogholok*" (fol. 13). Qal

ukoll li "*kien hemm xi hadd li kien gie knocked out waqt il-glieda u ezaminajt lil dan il-boxer u jiena ghal darba ohra ergajt mort biex nikkomunika mal-intimat izda hu tani dahru u ma kellimniex*" (fol. 13).

Huwa spicca qatt ma thallas ta' dan ix-xoghol li ghamel u ghalhekk kellhu jipprezenta dawn il-proceduri. Mistoqsi jekk dan l-*event* setax sehh f'Gunju flok f'Awwissu huwa qal li jista jkun.

3. **L-intimat** xehed u qal li huwa *local boxing promoter* u ilu jaghmel dan ix-xoghol sa mis-sena 2012. Kompla billi qal li r-rikorrenti kien it-tabib ta' l-*events* li huwa kien jaghmel sa mill-ewwel gurnata. L-*event* in kwistjoni kellhu jsir fis-27 ta' Gunju, 2014 u kien l-ewwel wiehed tax-xorti tieghu li huwa kien ghamel l-ghaliex l-*event kien* open air. Qal li ghalhekk, huwa kellhu jgib diversi permessi minghand hafna awtoritajiet, dipartimenti u kunsilli u kellhu bzonn jingagga *security company*. Din il-kumpanija kellha ambulanza u *full crew* maghha. Stqarr li "*madwar gimghatejn qabel ma sehh dan l-event jiena kont ikkommunikajt mar-rikorrenti sabiex ir-rikorrenti jkun it-Tabib tal-event pero jiena ghidtlu sabiex jattendi wahdu u mhux bil-crew il-ghaliex jiena diga kont sejjer inhallas ta' crew u ambulanza*" (fol. 15). Ir-rikorrenti, kompla jghid l-intimat, wiegbu u qallu li huwa jafda lit-*team* tieghu u kien ghalhekk, meta r-rikorrenti qallu hekk li huwa infurmah li ma kienx ser juza s-servizzi tieghu ghal dak l-*event*. Qal li qabel ma ghamel dan huwa kellhu jgib il-kunsens tal-Malta Boxing Commission u dan peress li kien hemm il-htiega li jkun hemm tabib iehor relatat mal-i*sports*. Fil-fatt, meta din il-Kummissjoni awtorizzatu jaghmel hekk, huwa ikkomunika mat-Tabib Mark Abela u kien hu li kellhu jiehu hsieb l-aspett mediku dak-in-nhar.

   Ir-rikorrenti, wara dik it-telefonata, ma regghax kelmu izda skont ma kien infurmat, huwa kien kellem lil xi membri ohra tal-Kummissjoni. Dak in-nhar tal-glieda, t-Tabib Abela ezamina l-gellieda wiehed wiehed. Ghalkemm l-ezamijiet medici ma kienux ghadu bdiehom it-Tabib Abela, huwa xorta wahda kien lehaq ghamel l-ezamijiet preliminari. Kompla jghid li huwa ma

setax jibqa hemm l-ghaliex kellhu jiehu hsieb in-nies li kienu qeghdin jattendu. Sadanitant lehaq wasal ir-rikorrenti u huwa rah wahdu. Il-ftehim mar-rikorrenti, qabel ma huwa hassru, kien ta' tlett mija u hamsin euro (€350) u kellhom jithallsu drittijiet addizzjonali jekk jaqbez nofs-il lejl. Dak in-nhar li kien ser isehh l-*event* r-rikorrenti, kompla jghid l-intimat, kien qallu li huwa kien ser izomm l-ammont ta' €350 izda huwa kien wiegbu fil-pront u kien qallu li ma kienx inkarigah ghal dak l-*event*. Wara dan il-kliem, l-intimat kompla b'xoghlu.

Waqt li huwa kien qieghed jiehu hsieb in-nies, kien mar hdejh it-Tabib Abela u talbu sabiex imur mieghu u dan peress li r-rikorrenti kien nehhieh min fejn kien. Hekk ghamel u mar mat-tabib Abela fejn kien hemm ir-rikorrenti. Qal li r-rikorrenti mhux talli reggha nehha lit-tabib Abela minn gol-kamra fejn kien talli anke lilu nehha. Qal ukoll li huwa ma kellhux ghalfejn joqghod jargumenta l-ghaliex kellhu n-nies x'jiehu hsieb u lir-rikorrenti ma kellhux ghalfejn ikellmu l-ghaliex dak in-nhar ma kienx gie ingaggat minnu.

In kontro-ezami, qal li dak-in-nhar ta' l-*event* huwa kien qal personalment lir-rikorrenti li huwa kien qabbad lil haddiehor. Huwa qal li -*team* tal-*boxers* kien avvicinah u kien qallu li wiehed mill-gellieda kellhu problema f'ghajnejh u mistoqsi kif seta jerga jmur jiggieled, l-intimat qal li "*dik affarih kellu l-go ahead mill-Commission*" (fol. 16).

4. **Xehed Mark James**, kap ezekuttiv tal-Malta Boxing Association. Qal li meta gara l-kaz in dizamina, kien ghad hemm il-Malta Boxing Commission u huwa kien is-segretarju generali permanenti taghha. Stqarr li huwa kien jaf li kien hemm kwistjoni bejn il-partijiet ghar-rigward ta' xi hlasijiet. Xoghol ir-rikorrenti fi zmien in kwistjoni kien li jiehu hsieb il-*health and safety* tal-gellieda kif ukoll il-ko-ordinament ta' l-istess glieda. Ir-rikorrenti kien maghruf bhala t-tabib tal-*boxing events* f'Malta u fil-Kummissjoni kien ic-*chairman* tat-tobba li kienu jiehdu hsieb il-gellieda. Mistoqsi mit-Tribunal jekk il-Kummissjoni kellhiex bilfors tinkariga lir-rikorrenti sabiex jiehu

hsieb l-*events* huwa wiegeb fin-negattiv. Qal li r-responsabbilita tal-*health and safety* kienet f'idejn il-Kummissjoni. Zied ighid li l-ewwel ftehim li kien sar bejn il-Malta Boxing Commission u l-intimat sabiex ikun jista jsir l-*event* li dwaru hemm il-kwistjoni odjerna, kien li l-intimat jinkariga lir-rikorrenti sabiex jiehu hsieb l-aspett mediku tal-gellieda. Qal li "*wara xi tlieta jew erbgha gimghat li kien sar dan il-ftehim kien hemm tabib gdid li gie rakkomandat lili bhala Malta Boxing Commission u jiena kont ghidt li dan it-tabib il-gdid ghandu jkun it-tabib tal-event*" (fol. 20). Qal li dan sar peress li l-Kummissjoni kienet qeghda tipprova tkabbar l-*pool* tat-tobba taghha. Sussegwentement, il-Kummissjoni ghamlet ftehim gdid ma' l-intimat fejn tnizzel isem it-tabib il-gdid flok dak tar-rikorrenti u ghalhekk, kien dan it-tabib il-gdid li kellhu jiehu hsieb l-aspett ta' sahha f'dan l-*event*. Il-hatra ta' tabib, kompla jispjega x-xhud, "*hija biss prerogattiva tal-Malta Boxing Commission mhux tal-promoter*" (fol. 20). Il-*promoter* irid jaderixxi mad-decizjoni tal-Kummissjoni. F'dan il-kaz, l-intimat kien ta isem it-tabib lill-Kummissjoni u din approvatu fit-tieni decizjoni taghha. Ix-xhud qal li l-intimat kien infurmah li r-rikorrenti ma kienx qieghed jaqbel ma din id-decizjoni tal-Kummissjoni izda l-Kummissjoni zammet mat-tieni decizjoni taghha. Meta kellmu r-rikorrenti, dan kien infurmah li l-Kummissjoni ma kellhiex id-dritt li tbiddel l-istatus quo billi jitqabbad haddiehor floku. Qal li huwa nforma lir-rikorrenti li "*l-Malta Boxing Commission kellha d-dritt li tappunta lit-Tobba biex jiehdu hsieb l-events li naghmlu*" (fol. 20). Minkejja dan, kompla jghid ix-xhud, "*ir-rikorrenti baqa jinsisti mieghi li huwa kien il-persuna li kellu jinhatar il-ghaliex hekk kien deciz*" (fol. 20). Dak in-nhar ta' l-*event*, kompla jghid ix-xhud, huwa kien prezenti u fil-fatt beda r-*referee's meeting* u waqt din il-laqgha, dahal ir-rikorrenti, hareg lit-tabib Mark Abela, li kien it-tabib inkarigat mill-*event* dak-in-nhar u beda jaghmel il-*briefing* mediku huwa. Qal li l-Malta Boxing Commission ma oggezzjonatx ghal dan il-*briefing* li beda jaghmel ir-rikorrenti. Qal li "*ghalija r-rikorrenti ma kellu l-ebda dritt sabiex jaghmel dak li ghamel izda peress li beda jaghfas il-hin sabiex jibda l-event ahna hallejnieh jaghmel dak li effettivament ghamel*" (fol. 20).

In kontro-ezami qal li kien ir-rikorrenti li iddentifika li kien hemm *retina displacement* f'wiehed mill-gellieda u dan seta jaghmlu peress li huwa kien hareg lit-tabib Abela mill-*briefing*. Mistoqsi jekk jafx kif kien l-arrangament bejn it-tobba dak-in-nhar li sehh l-*event* u cioe li r-rikorrenti jiehu hsieb il-gellieda u t-tabib Abela jiehu hsieb il-pubbliku huwa qal li ma jafx "*pero jista jkun il-ghaliex Dr Abela kien barra mhux fejn ir-ring fejn kien qed isehh l-event*" (fol. 21).

5. **Xehed it-Tabib Mark Abela** li qal li l-intimat kien cempillu u staqsieh jekk kienx imhajjar jiehu hsieb *event* fejn kien ser ikun hemm glieda bejn *boxers*. Huwa infurmah li kien imhajjar u dan peress li huwa kellhu esperjenza fi *sports events* u kien anke il-*pitch doctor tal-Malta Football Association* kemm f'loghob lokali kif ukoll internazzjonali. Dak in-nhar pero kienet l-ewwel esperjenza tieghu f'*boxing event* u l-intimat kien infurmah li generalment kien isir *check up* tal-*boxer* sabiex jaraw jekk kienx medikament tajjeb sabiex jiggieled. Qal li l-gellieda ingabru f'kamra wahda u hekk kif appena kien ser jibda l-ezami taghhom dahal ir-rikorrenti f'din il-kamra. Qal li r-rikorrenti qallu sabiex johrog daqxejn mill-kamra fejn kien u li kien ser ikellmu aktar tard. Huwa mar ikellem lill-intimat sabiex jara x'kien qieghed jigri ezattament u dan mar mieghu fejn kien hemm ir-rikorrenti. Dawn bdew jitkellmu flimkien izda huwa ma dahalx fiha. Qal li l-intimat infurmah li huwa kellhu jkun it-tabib ta' l-*event* pero qallu ukoll li "*minhabba n-nuqqas ta' ftehim li kien hemm bejnu u bejn it-tabib Xuereb jiena kelli nibqa bilqeghda nistenna sakemm l-irwol tieghi jkun spicca*" (fol. 23). Qal ukoll li huwa ma kien ezamina lil ebda gellied ghal dik il-glieda. Cahad li kien hemm xi ftehim bejnu u bejn ir-rikorrenti sabiex huwa jiehu hsieb il-pubbliku u r-rikorrenti jiehu hsieb il-gellieda. Qal li ma kienx il-kompitu "*tar-rikorrenti li jghidli x'naghmel u ma naghmilx l-ghaliex jiena kont gejt ingaggat mill-Organizers*" (fol. 23).

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Mill-provi rrizulta li ghal-ewwel kien gie ingaggat ir-rikorrenti sabiex jiehu hsieb is-sahha tal-gellieda li kienu ser jiehdu sehem *f'open air event* li kien gie organizzat mill-intimat. Dan l-ingagg kien sar bl-approvazzjoni tal-Malta Boxing Commission. Sussegwentement u xi ftit taz-zmien qabel ma sar l-imsemmi *event*, l-intimat kien ta l-isem tat-tabib Mark Abela lill-Malta Boxing Commission u din wara li rat li huwa kkwalifikat ghal dan it-tip ta' xoghol, irrevokat l-ewwel decizjoni taghha u li permezz taghha kienet approvat l-ingagg tar-rikorrenti ghal *event* u minflok iddecidiet li kellhu jkun it-Tabib Abela, t-tabib ta' l-*event*. Dan ma tantx nizel tajjeb mar-rikorrenti li ppretenda li jibqa hu l-persuna responsabbli. L-intimat kien sahansitra informa lir-rikorrenti li l-presenza tieghu ma kienitx mehtiega ghal dan l-*event* izda minkejja dan, ir-rikorrenti xorta wahda ghamel fattih u mar. Jidher li r-rikorrenti imbaghad ha r-riedni f'idejh u talab lit-tabib Abela sabiex johrog mill-kamra fejn kienu qeghdin il-gellieda sabiex ikun jista jaghmillhom l-ezami mehtieg. It-tabib Abela sejjah lill-intimat sabiex imur mieghu halli jara x'kien qieghed jigri u dan mar mieghu. L-intimat qal li meta mar fejn ir-rikorrenti, dan hareg lilu u lit-tabib Abela l-barra qisu xejn mhu xejn u kompla jaghmel l-ezami tal-gellieda. L-intimat qal li huwa ma kellhux ghalfejn jargumenta mar-rikorrenti l-ghaliex l-istess rikorrenti kien jaf li l-ingagg tieghu kien gie terminat qabel l-*event* u li apparti dan, huwa kellhu jiehu hsieb in-nies li kienu prezenti ghal istess *event*. Mark James, il-kap ezekuttiv tal-Malta Boxing Association qal li dak-in-nhar huwa kien prezenti ghal *event* u fil-fatt kien beda jaghmel ir-*referee's meeting* u waqt din il-laqgha, dahal ir-rikorrenti, hareg lit-tabib Mark Abela, li kien it-tabib inkarigat mill-*event* dak-in-nhar u beda jaghmel il-*briefing* mediku huwa.

7. Il-hatra ta' tabib, kompla jispjega l-imsemmi Mark James "*hija biss prerogattiva tal-Malta Boxing Commission u mhux tal-promoter*" (fol. 20) u l-*promoter* irid jaderixxi mad-decizjoni tal-Kummissjoni. Ir-rikorrenti hadha ukoll ma dan ix-xhud meta qallu li l-Kummissjoni ma kellhiex id-dritt li tbiddel l-i*status quo* billi jitqabbad haddiehor floku. Dan ix-xhud, wiegeb lir-rikorrenti u qallu li "*l-Malta Boxing Commission kellha d-dritt li tappunta lit-Tobba biex jiehdu hsieb l-events li naghmlu*" (fol. 20). Minkejja dan,

kompla jghid ix-xhud, "*ir-rikorrenti baqa jinsisti mieghi li huwa kien il-persuna li kellu jinhatar il-ghaliex hekk kien deciz*" (fol. 20). Ghalhekk, minhabba l-insistenza tar-rikorrenti dwar dan il-fatt u minhabba ukoll li beda jaghfas il-hin biex jibda l-*event* il-Malta Boxing Commission ma oggezzjonatx li r-rikorrenti jaghmel dan il-*briefing*. Ix-xhud insista pero li ghalih, "*ir-rikorrenti ma kellu l-ebda dritt sabiex jaghmel dak li ghamel*" (fol. 20).

8. Mill-provi jirrizulta, fil-fehma tat-Tribunal li r-rikorrenti kien jaf sa min qabel ma sehh l-avveniment li kien ser jigi inkarigat tabib iehor floku tant li huwa anke kellem lil xi membri tal-Malta Boxing Commission u qalilhom li huma ma kellhomx dritt ibiddlu l-istatus quo. Minkejja dan huwa xorta wahda mar ghal dan l-avveniment. Jirrizulta ukoll bic-car li r-rikorrenti ha r-riedni f'idejh ghar-rigward tal-fatt li huwa hareg lit-tabib Abela mill-*briefing room* fejn kienu l-gellieda. Anke jekk ir-rikorrenti jghid li ma kienx jaf li sa dak-in-nhar li l-inkarigu tieghu kien gie terminat, messu nduna f'dak il-waqt, meta huwa sab lit-Tabib Abela prezenti ghal *briefing* li kien hemm kwistjoni u messu iddiskuta mal-intimat din il-kwistjoni u mhux qabad u hareg lit-tabib Abela mill-kamra fejn kien mal-gellieda u huwa ha *over*. Minkejja dan, jidher li bejn il-pressjoni tal-hin u bejn li l-intimat kellhu jiehu hsieb in-nies li kienu prezenti ghall-avveniment, ir-rikorrenti ghamel l-ezamijiet medici mehtiega fuq il-gellieda u anke indika li kien hemm wiehed minnhom bi problemi ta' sahha. It-tabib Abela, minhabba dak li ghamel ir-rikorrenti mieghu spicca ma ghamilx dak li kien gie mitlub jaghmel mill-intimat u spicca ghamlu r-rikorrenti. Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, ghalkemm l-affarijiet ma sarux sewwa da parti tar-rikorrenti, xorta wahda haqqu l-istess rikorrenti li jithallas ghas-servizzi moghtija minnu l-ghaliex il-Malta Boxing Commission ma kienitx sejra tapprova li l-avveniment isir, jew ikompli, minghajr ma jkun hemm il-parir professjonali tat-tabib ghar-rigward tal-gellieda in kwistjoni. Ghalhekk fl-ahhar mill-ahhar, l-intimat ibbenefika bil-presenza u s-servizzi tar-rikorrenti.

9. Jifdal x'jigi deciz il-quantum. Ir-rikorrenti qal li l-hlas dovut lilu ghas-servizzi tieghu matul l-avveniment kien ta' €491 filwaqt li l-intimat qal li l-ftehim kien ta' €350 u kellhom jithallsu drittijiet addizzjonali jekk jaqbez nofs-il lejl. Mill-provi ma jirrizultax jekk dan l-avveniment baqax sejjer wara nofs-il lejl jew kemm dam u x'ghamel u ma ghamilx ir-rikorrenti u jekk t-Tabib Abela kienx involut b'xi mod jew iehor fil-kumplament ta' l-avveniment, u ghalhekk, it-Tribunal, bejn dak li inghad aktar hawn fuq ghar-rigward tar-rikorrenti, u bejn in-nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward sejjer jiddeciedi arbitrio boni viri li l-ammont dovut lir-rikorrenti ghas-servizzi tieghu ghal dan l-avveniment huwa ta' erba mitt euro (€400).

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa limitatament t-talba tar-rikorrenti fl-ammont ta' erba' mitt euro (€400) u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont hawn imsemmi ta' erba' mitt euro (€400) bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data tas-sentenza.

   L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**